# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea

## Qasam K: In-Nisa u l-Ambjent

## Il-Kuntest tal-Politika

Qiegħed jiżdied gradwalment kunsens globali biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali — b'mod partikolari rigward it-tibdil fil-klima u r-riskji tiegħu — b'attenzjoni fuq in-nuqqas ta' sigurtà tar-riżorsi, l-inċertezza klimatika, id-dislokazzjoni soċjali u l-ispiża ekonomika għolja. L-għarfien tal-effetti differenzjati tal-kwistjonijiet ambjentali fuq in-nisa u l-irġiel u l-modi kif l-inugwaljanzi bejn is-sessi jfixklu l-kapaċità tan-nisa li jwieġbu għal dan it-theddid qiegħed jiżdied; imsaħħaħ bl-indikazzjoni ta' abitudnijiet ta' konsum differenti tan-nisa u l-irġiel.

### Il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima fl-UE b'mod ġenerali

- Timplimenta miżuri fl-effiċjenza enerġetika, it-trasport sostenibbli u l-qbid u l-ħażna ta' diossidu tal-karbonju u tassumi rwol ta' pijunier fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima.

### Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropa (Ġunju 2012)

- Jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti biex tittejjeb l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod speċjali fis-setturi tat-trasport u l-enerġija.
- Jenfasizzaw li l-preġudizzji u l-isterjotipi bbażati fuq is-sessi jgħinu jipperpetwaw sistema edukattiva u suq tax-xogħol b'segregazzjoni tas-sessi, inkluż fl-oqsma tal-ekonomija ekoloġika, li huma l-aktar vitali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (eż. fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija).

### Il-Parlament Ewropew (2007–2012)

- Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima ma jkollhiex impatt negattiv fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u li jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki tal-klima.
- Jipproponi ċ-ċaqliq lejn "ekonomija ekoloġika" u jitlob għal riċerka dwar l-impatt tagħha fuq in-nisa u r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni.

### Il-Kummissjoni Ewropea

- Tqis l-enerġija u t-trasport bħala qasam ta' prijorità (COM(2013)0216 finali).

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

**K.1.** Li n-nisa jkunu involuti b'mod attiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali fil-livelli kollha.

**K.2.** Li t-tħassib u l-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi jkunu integrati fil-politiki u l-programmi għall-iżvilupp sostenibbli.

**K.3.** Isaħħu jew jistabbilixxu mekkaniżmi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex jivvalutaw l-impatt tal-politiki ta' żvilupp u ambjentali fuq in-nisa.

L-indikaturi f'dan il-qasam kritiku ta' tħassib kienu żviluppati reċentement wara l-inizjattiva tal-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-UE. Minħabba li l-isfidi ambjentali huma importanti għas-sitwazzjoni tan-nisa, dawn l-indikaturi jiffokaw fuq l-influwenza li n-nisa għandhom fl-areni importanti ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, b'mod speċjali l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, dawn jivvalutaw il-proporzjon ta' nisa u rġiel fl-oqsma tax-xjenza naturali u t-teknoloġiji u janalizzaw is-segregazzjoni tas-sessi fl-għażliet edukattivi. Indikaturi li jikkonċernaw it-tieni u t-tielet objettivi strateġiċi tal-qasam K tal-BPfA għadhom mhux disponibbli. Għalhekk, dawn l-objettivi — li jsejħu għal integrazzjoni aħjar tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki u l-programmi ambjentali — għad iridu jiġu indirizzati.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content / women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### Progress bil-mod fl-involviment tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali

L-involviment tan-nisa f'deċiżjonijiet strateġiċi relatati mal-klima mhuwiex biss imperattiv demokratiku, iżda vitali meta jitqies kif il-politiki u l-programmi ambjentali jaffettwaw in-nisa u l-irġiel. Il-maġġoranza ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE f'dan il-qasam huma rġiel u l-ogħla livelli tal-ministeri nazzjonali, li jittrattaw it-tibdil fil-klima huma ddominati mill-irġiel. Globalment, in-nisa kienu jirrappreżentaw 19 % tal-ministri għoljin u 34 % tal-ogħla amministraturi fil-Ministeri tal-Ambjent, tal-Enerġija u tat-Trasport fl-UE fl-2013.

**IL-PERĊENTWAL TA' NISA FL-OGĦLA POŻIZZJONIJIET FIL-MINISTERI NAZZJONALI, 2011**




*Sors:* EIGE, L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tibdil fil-Klima, 2012.

In-nisa jkollhom aktar suċċess biex jilħqu l-ogħla karigi fis-settur ambjentali mqabbla mas-setturi tal-enerġija u t-trasport. Fl-2011, in-nisa kienu rappreżentati l-aħjar fil-ministeri tal-ambjent, u kellhom madwar terz tal-pożizzjonijiet tal-ogħla livell fil-ministeri (34 %).

Kvinder har bedre mulighed for at nå toppositioner i miljøsektoren sammenlignet med energi- og transportsektorerne. I 2011 var kvinder bedst repræsenteret i miljøministerier, hvor de sad på omkring en tredjedel af topstillingerne (34 %).

Bl-istess mod, in-nisa jibqgħu sottorappreżentati fl-istituzzjonijiet dwar il-klima madwar l-UE. Fl-2013, in-nisa kellhom madwar kwart (27 %) tal-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fid-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea.

In-nisa jidher li huma rappreżentati aħjar fil-Kumitati relatati mal-klima tal-Parlament Ewropew: dawn jiffurmaw 38 % tal-membri fil-Kumitati rilevanti, u huma rappreżentati l-aħjar fl-arena ambjentali, fejn jammontaw għal 49 % ta' dawk fil-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

L-effett tas-'saqaf tal-ħġieġ' jidher li huwa persistenti kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll tal-UE, bi tnaqqis proporzjonat ta' nisa fil-karigi tal-ogħla livell.

## In-numru ta' nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tibdil fil-klima fil-livell internazzjonali żdied

Il-progress tan-nisa kien l-akbar fl-istituzzjonijiet ewlenin dwar il-klima tan-NU, speċifikament fil-Korpi Sussidjarji għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fejn ir-rappreżentazzjoni tan-nisa żdiedet b'mod stabbli bejn l-2009 u l-2012.

Fid-delegazzjonijiet għall-Konferenza tal-Partijiet tan-NU, in-nisa għamlu wkoll progress f'dawn l-aħħar ħames snin, għalkemm f'livell anqas: minn 36 % (2004-2008) għal 39 % (2008-2012).

## L-irġiel ikomplu jiddominaw il-lawrji relatati mat-teknoloġija

Hemm seba' oqsma li tipikament jappoġġaw karrieri fis-setturi tal-ambjent, tal-enerġija u tat-trasport — ikkategorizzati jew bħala xjenzi naturali (ix-xjenzi tal-ħajja u x-xjenzi fiżiċi) jew teknoloġiji (l-inġinerija u s-snajja' tal-inġinerija; il-manifattura u l-ipproċessar; l-arkitettura u l-bini; is-servizzi tat-trasport; u l-protezzjoni ambjentali). Madwar l-UE kollha, hemm bilanċ tajjeb bejn is-sessi fix-xjenzi naturali, għalkemm l-irġiel ikomplu jiddominaw il-lawrji relatati mat-teknoloġija.

Fuq il-bażi tas-suppożizzjoni li l-aċċess għall-impjiegi fl-oqsma relatati mal-ambjent jeħtieġ kwalifiki fl-oqsma msemmijin hawn fuq, in-nisa għandhom ftit jew opportunitajiet limitati biex jidħlu f'impjiegi relatati u jagħmlu progress f'dawn l-industriji. Fl-2010, in-nisa kienu jammontaw għal kważi wieħed minn kull ħamsa (22 %) tal-impjegati tal-UE fis-setturi tal-provvista, it-trasport u l-ħażna tal-elettriku, tal-gass, tal-fwar u tal-ikkondizzjonar tal-arja.

Il-kwalifiki edukattivi jistgħu ma jkunux l-uniċi ostakli għall-parteċipazzjoni u l-avvanz tan-nisa fis-setturi tal-enerġija u t-trasport. Fatturi oħrajn jinkludu l-persistenza tal-isterjotipi tas-sessi, il-pressjoni biex jivvjaġġaw b'mod estensiv, kif ukoll ambjent tax-xogħol li mhuwiex favorevoli għan-nisa.

Madankollu, huwa possibbli li tassumi li meta persuna tirċievi edukazzjoni u taħriġ fil-qasam tat-teknoloġiji dan jiffaċilita l-impjieg f'dawn l-industriji. Bħala tali, is-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fost gradwati bħal dawn taġixxi bħala ostaklu għall-Istrateġija Ewropa 2020, li għandha l-għan li tisfida s-segmentazzjoni bejn ħaddiema differenti fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, din thedded il-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropea għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (2010-2015), li tirrikonoxxi s-segregazzjoni kemm fl-edukazzjoni kif ukoll fis-suq tax-xogħol bħala fattur prinċipali li jikkawża d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa.

**PERĊENTWAL TA' GRADWATI NISA FIL-LIVELL TERZJARJU FIX-XJENZI NATURALI U T-TEKNOLOĠIJI, 2008-2012**




*Sors:* Eurostat, Statistika tal-Edukazzjoni

## Inizjattivi utli:

**Intużaw approċċi differenti għall-integrazzjoni tal-aspetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali** mill-Istati Membri. Il-programm dwar il-klima Awstrijak ippromwova l-involviment attiv tan-nisa fit-teħid ta' deċizjonijiet dwar il-politika ambjentali u l-integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi. Fl-Awstrija, il-belt ta' Vjenna ilha tindirizza l-ippjanar li jikkunsidra l-kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi għal aktar minn għoxrin sena u s-suġġetti relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi huma integrati sew fl-ippjanar urban. Fil-Ġermanja, il-Ministeru Federali għall-Ambjent, il-Konservazzjoni tan-Natura, il-Bini u s-Sigurtà Nukleari (BMUB) japplika l-prinċipju ta' gwida tal-ekwità bejn is-sessi, kemm fl-awtorità tiegħu stess kif ukoll fil-finanzjament tal-proġetti permezz ta' assoċjati.

**Kienet irrapportata żieda fl-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi** mil-Litwanja, fejn il-programmi nazzjonali għal Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel ilhom jindirizzaw il-kwistjonijiet tan-nisa u l-ambjent sa mill-2003. Din kienet tinkludi l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-NGOs permezz tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza fi proġetti ambjentali, u permezz ta' programmi ambjentali mmexxija mill-gvern, inkluż l-opportunità li jibbenefikaw b'mod ugwali mir-riżultati ta' dawn il-proġetti. Fis-Slovenja, il-Programm għall-Iżvilupp Rurali 2007–13 ħeġġeġ b'mod sistematiku l-opportunitajiet u l-aċċessibilità ndaqs għall-miżuri kollha. Sussegwentement, ġie adottat Pjan ġdid għall-Iżvilupp Rurali 2014–20, li jsegwi għanijiet ta' sostenibbiltà. Miżuri għall-iżvilupp agrikolu u rurali ser jintużaw biex jittejbu l-istandards tal-għajxien u tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi. Fir-Repubblika Ċeka fl-2010, il-Ministeru tal-Ambjent żviluppa approċċ biex jinkorpora perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-proġetti u l-pjanijiet li għandhom impatti sinifikanti fuq l-ambjent, bħal pjanijiet għall-kostruzzjoni, il-ħdura urbana jew is-servizzi tat-trasport, bħat-tneħħija u l-prevenzjoni ta' tnixxijiet ta' sustanzi li huma marbutin mill-qrib mas-saħħa tan-nisa.

| AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM K: IN-NISA U L-AMBJENT | |
|---|---|
| **AVVANZI** | **OSTAKLI** |
| • Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u fid-delegazzjonijiet internazzjonali għall-Korpi Sussidjarji tal-UNFCCC tjiebet.<br>• Il-preżenza tan-nisa fil-lawrji u l-professjonijiet relatati mal-ambjent żdiedet.<br>• Id-diskussjonijiet dwar l-interrelazzjoni bejn it-tibdil fil-klima u s-sessi huma enfasizzati.<br>• L-Istati Membri għandhom l-għan li jżidu l-preżenza tan-nisa fl-edukazzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija. | • L-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima għandhom impatti differenti fuq in-nisa u l-irġiel.<br>• In-nisa huma sottorappreżentati fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali fil-livelli kollha (nazzjonali, Ewropej u internazzjonali).<br>• In-nisa huma sottorappreżentati fil-lawrji kollha relatati mal-ambjent u b'mod speċjali fil-lawrji, il-professjonijiet u l-karigi politiċi relatati mal-enerġija u t-trasport.<br>• L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki ambjentali hija sfida u l-objettivi relatati mas-sessi rarament jiġu inklużi fl-istrateġiji ambjentali.<br>• Fehim tax-xejriet tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija skont is-sess mhuwiex biżżejjed. |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Li tikseb fehim aħjar tar-relazzjoni bejn is-sessi u l-ambjent biex taħkem l-impatt tal-politiki jew programmi ambjentali fuq in-nisa u l-irġiel.
- Li tintegra b'mod effettiv il-kunsiderazzjonijiet relatati mas-sessi meta twieġeb għall-isfidi globali (eż. it-tibdil fil-klima, it-tkabbir ekoloġiku).
- Li tirrikonoxxi li n-nisa jistgħu jkunu aktar vulnerabbli għall-bidliet klimatiċi u li tqis b'mod speċifiku l-impatt fuq in-nisa li jappartjenu għal gruppi ta' minoranza.
- Li tiżgura s-sensittività għad-differenzi bejn is-sessi tal-politiki billi tibbilanċja r-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex jittieħed kont tal-ħtiġijiet u l-kontribuzzjonijiet tan-nisa.

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N